**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar il-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 06/15 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | 03/06/2015 fis-6.05pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti | |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti | |
| | Amanda Abela | Preżenti - ġiet skużata fi 6.40pm | |
| | Joan Agius | Preżenti | |
| | Claude Camilleri | Preżenti fi 6.25pm u skużat fi 8.00pm | |
| | Raymond Caruana | Preżenti | |
| | Sean Chircop | Skużat | |
| | Stepahnia Fenech | Preżenti - ġiet skużata fi 7.30pm | |
| | Joseph Hales | Preżenti | |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | | |
| | Assistant Principal Joanne Muscat | | |

**06. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Sindku Joe Attard<br>Sekondant: Joan Agius | **Il-Minuti 05/15 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġej** | |
| | 05.1.1 | Tiżdied il-kelma jista' qabel jingħata biex issa tiġi taqra hekk:- Il-Viċi Sindku semmiet korrispondenza mid-DLG dwar is-servizz u l-kontibut li jista' jingħata lill-persuni b'diżabilita' mill-Kunsilli Lokali. | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.1 | Caruana: Road markings fi Triq id-Daħla ta' San Tumas Sekondata mill-Viċi Sindku | Il-Kunsillier Caruana saqsa lil Kunsill x'tip ta' żebgħa qed tintuża biex jinżebgħu t-toroq għax wara ħmistax din tkun diġa telqet. Is-Sindku talab biex din terġa isir u inkariga lil Kunsillier Hales biex jintalbu kwotazzjonijiet biex nipruvaw lil xi ħadd ieħor b'xi tip ta' żebgħa differenti. | Hales |
| 06. 2. 2 | 05.7.2 | Caruana: Ġnien Brejgu | Il-Kunsillier Caruana spjega kif ix-xogħol fuq id-dawl ta' Ġnien Brejgu reġa ġie għan-normal aparti tnejn. Saru xi xogħolijiet fuq l-earth electrode u inbidel ukoll is-surge protection. | |
| 06. 2. 3 | 05.7.8 | Caruana: Ħofra perikoluża fi Triq il-Labour | Caruana informa lil Kunsill li din il-ħsara issewwiet u saret kif kellha isir min-naħa tal-WSC. | |
| 06. 2. 4 | 05.5.6 | Camilleri: Zebra crossing fi Triq il-Qadi fejn St Catherine Pharmacy | Camilleri talab biex jara fejn waslet din it-talba. Is-Sindku wieġeb li tkellimna mal-Perit Testaferrata De Noto ta' TM rigward pjanta immarkata fejn qed jintalab it-traffic management li jsir u r-risposta li ħadna hi li l-Kunsill irid iqabad Perit hu. | |
| 06. 2. 5 | 05.3.2 | Camilleri: Memo 10/15 | Camilleri talab jekk jistax jixtri l-kotba . Is-Segretarju ser jiċċekja il-Memo ma' DLG. | Segretarju |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 6 | 05.7.12 | Camilleri: Xibka mat-twieqi ta' l-iskola primarja | Camilleri saqsa f'xhiex waslet it-talba tiegħu biex tinbidel ix-xibka ta' mat-twieqi ta' l-iskola. Is-Segretarju spjega kif kiteb lil Ministeru iżda għadu ma għaniex risposta. | |
| 06. 2. 7 | 05.7.13 | Agius: Fuljett tal-Kunsill | Agius infurmat lil Kunsill li l-fuljetti tal-Kunsill taqsmu bieb bieb. Hawn hekk il-Viċi Sindku Abela irrimarkat li fil-fuljett waħda mill-attivitajiet tagħha dik li ser tagħmel maż żgħażagħ ma' ġietx imniżżla korretta. Is-Sindku wieġeb li kien hemm korrezjoni tiegħu. | |
| 06. 2. 8 | 05.7.14 | Agius: Weekend Break Jum l-Omm | Agius infurmat lil Kunsill li dan il-weekend break kien ieħor ta' suċċess. | |
| 06. 2. 9 | 05.7.20 | Agius: Dieta Mediterranja | Agius spjegat li din l-attivita kienet tajba anke bħala Gal. Hawn hekk Agius infurmat lil Kunsill li l-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun rebaħ il-Premju għas-sena 2014 | |
| 06. 3. | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/15. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 05 | MEPA: PA/01843/15, PA/01884/15 | Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandha tinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi | Segretarju |
| 06. 3. 2 | 06 | DLG: Memo 11/2015 | Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema, Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Kunsillier Chircop qiegħed jinsisti li ndaħħlu n-niċċa li tinsab fi Triq M'Xlokk. | Chircop |
| 06. 3. 3 | 08 | DLG: Avviż Legali 154 tal-2015 | Il-Kunsill ġie infurmat li b'mod immedjat it-tarrifi tal-permessi tal-Krejn u makkinarju tal-kostruzzjoni issa inbidlu. Hales saqsa kif ser nipproċedu f'każ ta' skip, dan ser tintalab direzzjoni fuqha mis-Segretarju | Segretarju |
| 06. 3. 4 | 09 | DLG: Peter Serracino Inglott Award | Il-Viċi Sindku Abela u l-Kunsilliera Agius talbu kopja ta' din l-email, filwaqt li Sindku qal li jekk hemm xi ħadd li jista' jiġi nominat nistgħu ninominawh | |
| 06. 3. 5 | 10 | TM: Talba għal reserved parking f'isem Carmelo Curmi | Il-Kunsill ġie infurmat li din it-talba ma ġietx milqugħa. | Viċi Sindku |
| 06. 3. 6 | 11 | TM: Double yellow lines faccata ta' garaxx fi Triq San Duminku. | Hales informa lil Kunsill li dan ix-xogħol sar. | |
| 06. 3. 7 | 13 | A Schembri: Talba għal Parking Bays fi Triq Dun Gwann Farrugia | Is-Sindku talab lil Kunsillier Hales sabiex jagħmel spezzjoni fuq il-post biex jara x'jista jsir. | Hales |
| 06. 3. 8 | 14 | C Grima: Health | Sindku qara l-ittra waqt il-laqgħa u l-Kunsill qabel nem.com li ma jistax jilqa t-talba tagħhom biex niprovdulhom post alternattiv fejn jiltaqaw għax il-Kunsill ma għandux post kbir biżejjed għal bżonnijiet tagħhom | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 9 | 15 | J Aquilina: Ħsara fuq il-karozza fi Triq A Cachia Zammit | Il-Kunsill ma approvax it-talba ta' Sur Aquilina peress li shock absorbers ma jistgħux imorru f'daqqa. | |
| 06. 3. 10 | 16 | J Borg - Nexos | Il-Kunsill qabel nem.com li għandu jinż amm l-istess kuntrattur u nibqaw għaddejjien kif aħna. | |
| 06. 3. 11 | 17 | L Spiteri - MEUSAC | Il-Kunsill qabel nem.com li din il-laqgħa tista isir il-Kunsill | Segretarju |
| 06. 3. 12 | 15 | J Mangion - Regjun Xlokk | Il-Kunsill ġie infrumat li l-kuntratt li kien hemm ma' Relos Services Ltd issa ġie terminat | |
| 06. 3. 13 | 19 | DLG: S Frendo | Il-Kunsill ġie infurmat li skond il-liġi l-Kunsill irid jagħmel depożitu tal-flus darbtejn f'ġimgħa. Dan ser isir kif titlob il-liġi. | Segretarju |
| 06. 3. 14 | 20 | DLG: Cultural Activities Information Seminars | Il-Kunsilliera Agius ikkonfermat li ser tattendi għal dan is-seminar. | Agius |
| 06. 3. 15 | 21 | Caroline Schembri | L-impjegata Caroline Schembri talbet lil Kunsill sabiex tieħu sena unpaid leave. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| 06. 3. 16 | 22 | Beland Band Club | Is-Sindku qara korrispondenza mill-Beland Band Club fejn irringrazzjaw lil Kunsill tal-koperazzjoni fil-Beland Music Festival | |
| **06. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/15 | **Il-Kunsill qabel li ma jsirx ħlas lil Enemalta Corporation kif ukoll jinqata' minn fuq it-tabella tal-ħlasijiet, kif ukoll lil Paradise Bay Hotel. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-bqija tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 06. 4. 2 | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €151.87.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 i | | Talbiet għal Xiri 06/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| **06. 5.** | | **Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2015** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 5. 1 | | Segretarju | Is-Segretarju ta' spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2015 fejn informa lil Kunsill li dan kien perijodu tajjeb u kollox kif previst. Il-Kunsill approva nem.com dan ir-rapport | Segretarju |

| 06. 6. | | Triq Alfred Cachia Zammit | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
| 6. 6. 1 | | Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun | Is-Sindku informa lil Kunsill li fi Triq Alfred Cachia Zammit waslet sabiex jinbeda x-xogħol ta' re-surfacing fuqha u kif nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, l-kunsill flimkien mal-entitajiet kollha kellhom laqgħa t-Transport Malta fuq dan is-suġġett. Is-Sindku spejga li skond il-kuntrattur qedgħa skedata li tibda f'nofs Lulju u spejga wkoll kif illum l-Erbgħa 3 ta' Ġunju saret laqgħa oħra fuq il-post ma' l-entitajiet kollha iżda sfortuntament l-Enemalta m'attendewx. Il-kuntrattur li ser jaħdem fuq it-triq huwa Schembri Infrastructures. Il-Perit is-suġġerixxa li fejn jipparkjaw il-karozzi isir bil-konkos. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. | Sindku / Segretarju |

| 06. 7. | | Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
| 06. 7. 1 | | Proponent: Sindku<br>Sekondat: Viċi Sindku<br>Universita Amerikana f'Malta | Mozzjoni - Saret diskussjoni mis-Sindku dwar għaliex l-Universita Amerikana f'Malta għandha isir fi xlokk ta' Malta u kif din ser tkun opportunita' ta' xogħol ta' prestiġju għax-xlokk, għaz-zgħazagħ tagħna fejn ser ikollhom għażla ikbar ta' suġġetti minn fejn jagħżlu u kif ukoll stmat li ser ikun hemm dħul ta' €70,000,000 fi sena minn dan il-proġett fil-kaxxa ta' Malta. Il-Kunsilliera kollha esprimew l-opinjoni tagħhom fuq dan is-suġġett fejn Fenech, Hales, Chicop (fejn bagħat il-fehma tiegħu bi email), Camilleri, Agius u l-Viċi Sindku qablu nem.com li dan il-proġett għandu jsir kif imfasal mill-Gvern, filwaqt li Abela ma qablitx u Caruana filwaqt li qabel mal-prinċipju tal-proġett, ma jaqbilx ma fejn huwa propost li jsir dan il-proġett peress li hija żona ODZ. Is-Segretarju ġie inkarigat li din il-mozzjoni għandha tintbagħat li Prim Ministru, lil Kap tal-Oppozizzjoni, lil Press u lil Ministru tal-Edukazzjoni. | Segretarju |

| 06. 8. | | Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
| 06. 8. 1 | | Fenech - Mera fi Triq il-Labour | Il-Kunsilliera Fenech proponiet li isir mera fi Triq il-Labour faccata ta' Triq it-Tamburin. Il-Kunsill qabel nem.com ma' din il-proposta. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 8. 2 | Hales - Ittra lil Ministru Joe Mizzi | Il-Kunsillier Hales informa lil Kunsill li inkitbet ittra lil Ministru Joe Mizzi fuq il-ġibjun wara ta' San Niklaw. Ġew il-Periti u infurmawna li l-grada fgata u ser tinqala biex titnaddaf. Il-ġibjun mhux ser jitnaddaf. Fuq l-istorm water systems f'Misraħ il-Bjar, Triq il-Kbira u l-inħawi ta' San Klement ser isir rapport biex jara x'jista isir. Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra biex ninfurmawhom li ser isir Triq A Cachia Zammit u li x-xogħol ser jieqaf fi Triq San Klement biex li hemm bzonn isir isir. | Hales |
| 06. 8. 3 | Caruana - Bollords wara l-Knisja Parrokkjali | Il-Kunsillier Caruana talab li jsiru erba' bollards ma dawra tal-masgħar għax qed isir il-parking ma dawra tiegħu. Hales issugerixxa li li hemm jitneħħew għax qed issaddu minn taħt. | |
| 06. 8. 4 | Caruana - Triq il-Faqqus | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Faqqus faċċata ta' Smiley Store qed jakkumula il-ħmieġ. Is-Sindku talab li s-Segretarju jikteb li Reġjun biex jintbagħtu l-Eco Wardens | Segretarju |
| 06. 8. 5 | Caruana - Triq Toni Zahra | Il-Kunsillier Caruana informa lil Kunsill li fi Triq Toni Zahra il-parti ta' isfel il-biċċa il-wiesa qed isiru t-tlielaq tal-karrozzi. Is-Segretarju ġie mitlub biex jikteb l-iSupretendent tal-Pulizija. | Segretarju |
| 06. 8. 5 | Caruana - Triq San Girgor | Il-Kunsillier Caruana talab li jisru double lines quddiem il-Ministru George Vella fi Triq San Girgor biex ma jsirx parking. Sekondat minn Hales li suggerixxa li niktbu lil TM. | |
| 06. 8. 6 | Caruana - Permessi tal-Festa | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill biex isib post alternativ għal Kiosks u għal ta' Toys li jarmaw f'Misraħ Carlo Diacono, dan għaliex mhux xieraq li minn fejn tagħdi l-istatwa ta' Santa Katerina ikun hemm il-bejjiegħa. Is-Sindku spejga li ser jara x'jista isir f'dan ir-rigward. | Segretarju |
| 06. 8. 7 | Agius - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill bi diversi attivitajiet li hemm il-ħsieb li jsiru fosthom fi 7 ta' Ġunju għal Sqallija, fi 13 ta' Ġunju Mawra bi Taxi Boat u fi 17 ta' Ġunju Ħarġa għal Jum il-Missier. Tfal Jadottaw Anzjan ser ikompli. | |
| 06. 8. 8 | Agius - Fuljett Ħajja Mimlija Saħħa f'Ambjent b'Saħħtu | Il-Kunsilliera Agius preżentat il-Fuljett Ħajja Mimlija Saħħa f'Ambjent b'Saħħtu lil Kunsill fejn qalet li dan huwa parti mill-proġett tal-Gal li ser jitqassmu fl-iskejjel. | |
| 06. 8. 9 | Agius - Gvern li jisma | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li nhar it-Tlieta li ġej il-Kunsill mistieden jattendi fi 6.45pm Kastilja għal laqgħa Gvern li jisma | |
| 06. 8. 10 | Agius - Attivita Gaffiero | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li fil-5 ta' Lulju ser isir l-attivita ta' Gaffiero fil-Ġnien, hawn hekk hija preżentat iċ-ċekk ta' Gaffiero tas-sena l-oħra. Il-Kunsillier Hales talab lil Agius lista ta' attivitaijiet. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 8. | 11 | Agius - Bankina fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isir xi ħaġa fuq il-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ħniena peress li l-madum għola. | Sindku |
| 06. | 8. | 12 | Viċi Sindku - Anzjani Zejtun Home | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-Anzjani ta' Zejtun Home talbuha sabiex isir Trasport għal ħruġ minn niċċa ta' Santa Katerina. Is-Sindku talab s-Segretarju jinforma lil Pulizija biex dak in-nhar it-Trasport jagħdi ftit One Way. Il-Kunsillier Hales informa lil Kunsill li it-Trasport Pubbliku mhux ser jagħdi mill-pjazza mill-14 ta' Ġunju sa 22 ta' Ġunju u ser tintuża r-rotta alternattiva. | |
| 06. | 8. | 13 | Sindku - Child Day Care Centre | Is-Sindku informa lil Kunsill li c-Child Day Care Centre għalaq seba' xhur miftuħ. Huwa ta spegazzjoni tal-operat tiegħu u preżenta cekk lis-Segretarju ta' €7000 bħala l-ewwel *installment*. | |
| 06. | 8. | 14 | Sindku - Bankina Triq Santu Wistin | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-kwotazzjoni fuq il-bankina ta' Triq Santu Wisitn hija ta' €24,000 u li x-xogħol ser jibda wara l-festa. Il-Viċi Sindku proponiet li dan il-proġett jidħol fi A+ accesibility award. Is-Sindku talab li Segretarju jikteb lil entitajiet biex ninfurmawhom b'dan ix-xogħol li ser isir, kif ukoll ninfurmaw lir-residenti u biex jikteb lil kuntrattur biex naraw meta ser jibda x-xogħol | Segretarju |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv